***Kunsill Lokali Ħamrun***
***Triq id-Duka ta' Edinburgh***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u erbgħa u disgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Hamis 9 ta' Ġunju 2011 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Vici Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta Minst SMM (UK), MCIM (UK), M.B.A. (Maastricht) | Kunsillier |

Dr. Johnaton Abela u Dr. Paula Mifsud Bonnici kitbu lill-Kunsill fejn talbu biex jiġu skużati mill-laqgħa minħabba mpenji oħra.

Il-Kunsill iddeċieda li r-raġunijiet kienu ġustifikati u għalhekk approva li dawn jiġu skużati mill-laqgħa.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-mitejn u tlieta u disgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

### *4.1 Proġett tas-Suq*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saru arranġamenti biex tintalab deroga għal-lift fl-Uffiċċju tal-Kunsill biex dan ikollu *safety feature* minflok *headroom*. Ġie deċiż li l-Kunsill jidħol fi ftehim mal-kumpanija Liftex Ltd sabiex jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tal-lift għal-perjodu ta' 5 snin iġifieri sentejn aktar minn dak stipulat fil-kuntratt. B'hekk il-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż adizzjonali għas-*safety feature* meħtieġa.

Is-Sindku spjega li jeżistu problemi wkoll rigward l-għoli tal-*lift shafts* tal-*carpark*. Dawn ma kienux għaoli biżżejjed. Huwa spjega li ntlaħaq ftehim mal-Perit Samuel Formosa biex iħallas sabiex il-kmamar tal-lifts u t-tromba tat-taraġ jitneħħew u kemm il-lift kif ukoll it-taraġ jaslu sal-ewwel sular tal-*carpark*. Il-Kunsill kiseb il-parir tal-Perit Spiteri tal-KNPD rigward il-possibilta' li jsir din l-alterazzjoni.

Il-Kunsill approva unanimament li titwaqqa' t-tromba tat-taraġ u shaft tal-lift biex dawn jaslu sal-ewwel sular tal-*carpark*.

Fil-5.45pm s-Sur C.Valletta daħal għal-laqgħa.

Ġie deċiż li tisejjaħ laqgħa mas-Sur Andrew Brincat il-ġimgħa d-dieħla sabiex jispjega r-rapport li għamel rigward it-tħaddim tal-parkeġġ.

### *4.2 Soċjeta' Mużikali San Ġużepp u Għaqda Mużikali San Gejtanu - Kunċerti*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mal-Viċi Sindku, Dr. P. Mifsud Bonnici u s-Sur C. Valletta ltaqgħu ma' uffiċċjali mis-Soċjeta' Mużikali San Ġużepp u l-Għaqda Mużikali San Gejtanu.

Fis-6.00pm il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

Fil-laqgħa ġie spjegat li l-*Budget* ta' din is-sena tal-Kunsill ma jippermettix li l-Kunsill joħroġ is-somma ta' €4,000.00 u li hemm possibilta' li ssir xi attivita' fil-Milied jew is-sena dieħla b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Ħamrun.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li biex il-Kunsill ikun jista' jgħin finanzjarjament għal xi attivita' din trid issir b'kolaborazzjoni mal-Kunsill u mhux jingħataw fondi bħala sponsorship għal xi attivita' li ser jorganizzaw l-għaqdiet.

### *4.3 Ġemellaġġ ma' Carpineto Romano*

Ġie deċiż li l-ġimgħa dieħla ssir laqgħa tas-Sotto Kumitat rigward il-proġett tal-ġemellaġġ ma' Carpineto Romano.

Is-Sur A. Ellul informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni uffiċċjali għal-Palio ġiet sottometta lill-EU.

*4.4 Jum il-Ħamrun*

Il-Kunsill irċieva ittra ta' ringrazzjament mis-Sinjura Josephine Zammit Cordina għal-unur li għoġbu jippreżentalha l-Kunsill meta ngħatat Ġieħ il-Ħamrun.

Ġie deċiż li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lill-Miller Distributors Ltd, Wise Owl Ltd u lill-Audio Visual Centre talli offrew kotba lill-Kunsill għall-premjazzjoni tal-Konkors "Qalb San Ġorġ Preca".

## 5. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn it-13 ta' Mejju u d-9 ta' Ġunju 2011.

5.1 *Soċjeta' Mużikali San Ġużepp*

Il-Kunsill irċieva ittra ta' ringrazzjament mis-Soċjeta' Mużikali San Ġużepp għall-parteċipazzjoni tal-Kunsill f'attivitajiet organizzati mis-Soċjeta' fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġużepp.

*5.2 Transport Malta – Un/loading bay fi Triq Indri Cilia*

Transport Malta approvat li ssir comunal *un/loading bay* fi Triq Indri Cilia Ħamrun.

*5.3 MCAST – Talba għal-impjieg*

Il-Kunsill irċieva talba mill-MCAST sabiex il-Kunsill jimpjega lis-Sinjorina Daniela Farrugia fuq bażi *Part Time*. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill diġa qed jimpjega l-*full compliment* permess mill-liġi u għalhekk mhux possibli li tiġi mpjegata *Part Time* mal-Kunsill Lokali Ħamrun.

*5.4 Foundation for Social Welfare Services – Job Experience Training Aid*

Il-Kunsill ġie mitlub biex jikkonsidra jkollu *work placement* għal Daniela Farrugia għal madwar 320 siegħa. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li għalkemm ma jsibx oġġezzjoni li jsir dan il-*work placement*, il-Kunsill m'għandux xogħol adattat għal dan ir-rigward.

*5.5 Knight Music 2007 Ltd – Un/loading bay*

Il-Kunsill irċieva talba mid-Direttur tal-Kumpanija Knight Music 2007 Ltd sabiex issir *un/loading bay* faċċata tal-ħanut li għandhom 20 Triq Barth, Ħamrun. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi din it-talba lill-Transport Malta għal-konsiderazzjoni.

*5.6 Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni – Attivita' 'Fil-Ħlewwa ta' Mejju'*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni fejn talbu sabiex il-Kunsill jirreġistra l-attivita' 'Fil-Ħlewwa ta' Mejju' bħala attivita' tal-Kunsill u japlika biex jingħata fondi taħt l-iskema ta' Attivitajiet Kulturali. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta.

*5.7 Guard and Warden Service House – Servizz ta' Gwardjan Lokali*

Il-Kunsill kien ibbukja servizz ta' tlett Gwardjani Lokali għall-attivita' 'Fil-Ħlewwa ta' Mejju' bejn is-6.00am u-9.00pm. Irriżulta li l-Gwardjani Lokali ħadmu biss sal-5.00pm minħabba li ma ridux jikkontrollaw traffiku mingħajr barriers. Dan ġie konfermat bil-miktub mis-Segretarju tal-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Kunsill iddeċieda li jħallas biss għas-servizz li taw il-Gwardjani Lokali bejn is-6.00am u l-5.00pm.

*5.8 Sur Mike Pace – Parkeġġ faċċata tal-garaxx*

Is-Sur Pace qed jitlob biex jitneħħa l-*parking bay* faċċata tal-garaxx tiegħu fi Triq Adelaide Cini sabiex sakemm jiftaħ il-garaxx biex idaħħal il-vettura tiegħu, ma jostakolax il-passaġġ ta' vetturi oħra mit-triq. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi din it-talba lill-Transport Malta.

*5.9 Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni – Attivita' 'Fil-Ħlewwa ta' Mejju'*

L-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni staqsiet jekk il-Kunsill jistax ikopri l-ispejjeż tal-Pulizija li ddaħlu xogħol *extra* għall-attivita' 'Fil-Ħlewwa ta' Mejju'. Il-Kunsill iddeċieda li jekk jirnexxilu ma jħallasx għall-Gwardjani li telqu qabel il-ħin ikun jista' jżid il-fondi għal dan il-għan.

*5.10 Elmo Insurance – Allegati ħsarat*

Il-Kunsill irċieva ittra uffiċċjali mill-Avukat Alessia Zammit McKeon għan-nom ta' Elmo Insurance rigward allegati ħsarat fuq vettura kawżati minn żewġ *skips* fi Triq J. Abela Scolaro fil-21 ta' Mejju 2010. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob l-Avukat tal-Kunsill biex iwieġeb din l-ittra billi jirrispinġi t-talba minħabba li r-responsabbilta' tal-iskips konċernati mhux tal-Kunsill iżda tal-propjetarju tagħhom.

*5.11 Sur Stephen Cutajar – Motor Cycle Bay*

Il-Kunsill irċieva talba mis-Sur Cutajar sabiex issir *Motor Cycle Bay* fi Triq San Gejtanu fil-viċinanza tar-residenza tiegħu 213. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi din it-talba lill-Transport Malta.

*5.12 Malta Red Cross – Laqgħa dwar proġett*

Is-Sur M. Caruana informa lill-Kunsill li ġie avviċinat minn uffiċjal tal-Malta Red Cross dwar proġett relatat mal-anzjani fil-Ħamrun. Huwa talabhom biex jiktbu uffiċjalment lill-Kunsill. Il-Kunsill irċieva ittra mill-Malta Red Cross fejn talbu laqgħa sabiex jaħdmu proġett flimkien mal-Kunsill relatat mal-Anzjani. Ġie deċiż li ssir laqgħa magħhom. Għal-laqgħa għandhom jattendu s-Sindku u s-Sinjura C. Borg.

*5.13 Dipartiment għall-Gvern Lokali - Seminar*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jibgħatu rappreżentanti għal-Seminar dwar kif il-Kunsilli Lokali jistgħu jippromovu aħjar il-lokalita' tagħhom għat-turisti. Dan ser isir il-Ġimgħa 1 ta' Lulju 2011 fis-Sala tal-Kunsill Lokali Floriana bejn id-9.30am u n-12.30pm. ġie deċiż li s-Sindku, s-Sur A.Ellul u s-Sur C.Valletta jattendu għas-seminar.

*5.14 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Car Free Day 2011*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jorganizzaw attivitajiet għall-kompetizzjoni '*In Town without my Car'* li ser issir il-Ħadd 18 ta' Settembru 2011. l-aħjar 5 proposti ta' attivitajiet jingħataw *sponsorship* ta' €3,000.00 biex igħinhom jorganizzaw l-attivita'. Is-Sur C. Valletta ser jipprova jaħdem fuq proposta ta' proġett f'dan ir-rigward.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nbeda proċess ta' *patching* fejn kellu jsir *patching* estensiv fi Triq Patri Magri.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill bil-problema ta' rimi ta' skart viċin l-*iskips* fi Triq il-Loġġa. Ġie deċiż li tiġi studjata din il-problema biex tinstab soluzzjoni. Ġie suġġerit biex possibiliment l-*iskip* titressaq f'post fejn ma tintlaħaqx minn persuni bil-vetturi kif ukoll għandna naraw jekk nistgħux nissorveljaw l-iskips bi *Green Wardens.*

*6.2 Sotto Kumitat 5*

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kompetizzjoni tas-Sabateo għal-*Beginners* ser issir fis-16 ta' Lulju 2011. It-tazzi ser jiġu preżentati mill-Kunsill.

*6.3 Sotto Kumitat 7*

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li l-preżentazzjoni tar-Rapport dwar Żvilupp Sostenibbli fil-Ħamrun lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni Dr. Joseph Muscat ser issir nhar il-Ħamis 16 ta' Ġunju 2011 fis-7.00pm.

- Is-Sur C. Valletta ssuġerixxa li l-Kunsill jistampa fuljett bil-konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet tar-rapport sabiex jitqassam lir-residenti tal-Ħamrun. Huwa spjega li qed jistudja l-possibilta li ssir laqgħa mill-esperti biex jispjegaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom.

*6.4 Sotto Kumitat 2*

- Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li mill-21 student li kkonferma l-parteċipazzjoni fl-ewwel grupp tal-proġett tal-ESF qed jattendu 7 biss. Sadanittant l-iSkola li qed jipprovdi t-taħriġ bgħat l-ewwel *invoice* għal-pagament. Ġie deċiż li jintbgħat reminder lill-14-il parteċipant li m'attendewx. Is-Sur A. Ellul spjega li ser jagħmel tentattiv ieħor mal-Għaqdiet biex jgħaqqad it-tieni grupp ta' 20. Jekk ma jkunx hemm rispons huwa ser jieħu l-parir tal-P.P.C.D. dwar jekk għandux jitħassar it-tieni grupp.

*6.5 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M. Caruana fakkar lill-Kunsilliera li l-ħarġa li jmiss tal-fuljett tal-Kunsill ser ikun lejn l-aħħar ta' Lulju bidu ta' Awwissu. Għalhekk dawk il-Kunsilliera li jridu jippublikaw artiklu ta' mhux itwal minn paġna A4, għandhom jipprovdu l-materjal sa l-aħħar ta' Ġunju 2011.

## 7. <u>Ittra ta' Direzzjoni mill-Uditur tal-Gvern Lokali</u>

Il-Kunsilliera ġew ippreżentati b'kopja tal-*Audited Financial Statements*, l-Ittra ta' Direzzjoni mill-Uditur tal-Gvern Lokali u r-risposta tal-Kunsill għall-istess Ittra ta' Direzzjoni. (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Wara li saret spjegazzjoni dettaljata mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra tal-Uditur.

## 8. <u>Festa San Gejtanu</u>

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntlaħaq ftehim mal-Pulizija li *Mobile Kiosks* tal-ikel ma jidħallewx jipparkjaw fi Triq il-Kbira San Ġużepp minn Pjazza San Pawl lejn il-Blata l-Bajda u minflok jarmaw fi Triq is-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar, parti minn Triq tal-Għassa u parti minn Triq il-Ferrovija. Avviż f'dan ir-rigward diġa' sar fil-Gazzetta tal-Gvern kif stipulat fl-Artikolu 10 (8) (ii) (b) tal-Avviż Legali 119 tal-2002.

Sadanittant intalbet laqgħa mal-Assistent Kummissarju Zammit sabiex tiġi diskussa l-festa.

Fit-8.00pm s-Sinjura C.Borg ġiet skużata mill-laqgħa.

## 9. <u>Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti</u>

### *9.1 Pedestrian Crossing Triq Oscar Zammit*

Is-Sinjura J. Bugeja nfurmat lill-Kunsill li tkellmu magħha xi nies li talbu biex isir *Pedestrian Crossing* fi Triq Oscar Zammit. Ġie deċiż li ssir spezzjoni fit-triq biex tiġi identifikata l-aħjar post qabel titressaq talba lill-Transport Malta.

### *9.2 Immaculate Conception School – Donazzjoni ta' siġar*

Is-Sinjura J.Bugeja nfurmat lill-Kunsill li l-Iskola Immaculate Conception xtaqu jagħmlu donazzjoni ta' numru ta' siġar biex jitħawlu preferibilment fil-viċinanzi tal-iskola ġewwa l-Ħamrun. Ġie deċiż li l-iskola tintalab tibgħat ittra f'dan ir-rigward.

### *9.3 Build Out fi Triq il-Fatati*

Is-Sur C. Valletta staqsa jekk Transport Malta kienitx wieġbet it-talba tal-Kunsill biex isir *Build Out* fi Triq il-Fatati kantuniera ma' Triq Manwel Magri. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ser jara l-korrispondenza relatata.

### *9.4 Tappieri tad- drenaġġ*

Is-Sur C. Valletta ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward id-diversi tappieri tad-drenaġġ li qed iħabtu u jdejqu lir-residenti. Is-Sindku spjega li l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma beda eżerċizzju fejn qed ibiddel t-tappieri difettużi jew li huma l-isfel mill-livell tal-wiċċ tat-triq.

### *9.5 Problemi dwar ilma fit-triq*

Is-Sur C. Valletta ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward ilmenti li rċieva dwar ilma li jinżamm fi Triq Gafa' kantuniera ma' Triq Manwel Magri u fi Triq Dun Edgar Vella quddiem ir-residenza 14. Ġie deċiż li jiġu spezjonati l-postijiet indikati biex jekk jeħtieġ isir *patching*.

### *9.6 Ingombru fuq il-Bankina*

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li qed jirċievi diversi lmenti rigward ingombru minn materjal li qed jitħallew minn bejjiegħ fuq il-bankina fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Is-Sindku spjega li kien ser ikellem personalment il-persuna kkonċernata.

### *9.7 Keep Clear quddiem Day Centre Ħamrun*

Is-Sur A. Ellul ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Gwardjan Lokali qed iħarrek vetturi li jkunu pparkjati fil-*Keep Clear Bay* li kienu quddiem id-*Day Centre* anke meta jkun magħluq. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li kelmitu persuna responsabbli mid-*Day Centre* li talbet biex il-*Keep Clear Bay* titneħħa. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob il-verifika minn Transport Malta dwar l-approvazzjoni tal-*Keep Clear Bay*.

## 10. Schedule of Payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sad-9 ta’ Ġunju 2011. (kopja mehmuża ma’ dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 11. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-8.20pm.

| | |
|---|---|
| Vincent Bonello<br>Sindku<br>Kunsill Lokali Ħamrun | Philip Massa<br>Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Ħamrun |

DATA